Is-CV flimkien mal-portafoll.

Applikanti għandhom jinnutaw li s-sottomissjoni ta' kwotazzjoni se tkun parti mill-proċess ta' evalwazzjoni tagħna.

Dawk interessati huma mistiedna jibagħtu s-sottomissjoni tagħhom lil (regjun-lvant.dlg@gov.mt).

Data tal-għeluq hija l-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2026, f'nofsillejl.

Din il-pubblikazzjoni/Dan il-proġett t/jirrifletti biss il-veduti u l-ħsibijiet tal-pubblikaturi/awturi, u l- l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat ma jistax jinżamm responsabbli għall-kontenut jew għall-użu li jista' jsir minn dan l-istess kontenut.

A CV including a portfolio;

The submission of a quotation will form part of the evaluation process.

Submissions are to be sent to (regjun-lvant.dlg@gov.mt).

Deadline is on Friday, 21st August, 2026, at midnight.

This project/publication reflects the views only of the author, and the MCVS cannot be held responsible for the content or any use which may be made of the information contained therein.

It-28 ta' Lulju, 2026

28th July, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1925

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-15 ta' Lulju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 548/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Brendan Christopher Paul Prestage meta dan jiġi reġistrat f'Malta sabiex isem ir-rikorrent jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Brendan' għal 'Brendan Christopher Paul'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 15th July, 2026, and upon an application numbered 548/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Brendan Christopher Paul Prestage when it is registered in Malta, so that the applicant's name is changed by annotation from 'Brendan' to 'Brendan Christopher Paul'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 20th July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1926

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-16 ta' Lulju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 553/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Caspar Charles Lebeau Romer, meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta, sabiex isem ir-rikorrent jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Caspar William Charles' għal 'Caspar Charles Lebeau'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 16th July, 2026, and upon an application numbered 553/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Caspar Charles Lebeau Romer when it is registered in Malta, so that the applicant's name is changed by annotation from 'Caspar William Charles' to 'Caspar Charles Lebeau'.

Court of Revision of Notarial Acts

Illum l-Erbgħa, 22 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Today Wednesday, 22nd July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1927

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-16 ta' Lulju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 559/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' Volodymyr Sayenko, meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta, sabiex isem ir-rikorrent jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Volodymyr Volodymyrovych' għal 'Volodymyr'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 16th July, 2026, and upon an application numbered 559/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate correction on the Act of Birth of Volodymyr Sayenko when it is registered in Malta, so that the applicant's name is changed by annotation from 'Volodymyr Volodymyrovych' to 'Volodymyr'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 22 ta' Lulju, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 22nd July, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1928

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-2 ta' Lulju, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 397/2026RM, fl-ismijiet: Mary Xuereb vs Alfred Vella et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Mary Xuereb (386244M) vs Alfred Vella (400459M) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' April, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jiżgumbraw mill-appartament internament bin-numru wieħed (1) li jifforma parti minn blokk ta' erba' appartamenti bla numru uffiċjali bl-isem 'Mary Flats' fi Triq it-Tabib J. Zammit, f'Birkirkara, stante li qegħdin jokkupawh mingħajr titolu validu fil-liġi u dan entro terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 397/2026RM fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Settembru, 2026, fl-10.30 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 2nd July, 2026, in the records of Sworn application number 397/2026RM, in the names: Mary Xuereb vs Alfred Vella et the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Mary Xuereb (386244M) vs Alfred Vella (400459M) et filed in the Civil Court, First Hall, on the 17th April, 2026, the applicant asked this Honourable Court so that:

1. It hears this case without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et sequitur of Cap. 12;

2. Condemn the defendants to evict from the apartment internally numbered one (1) which forms part of a block of four apartments without official number named "Mary Flats" in Triq it-Tabib J. Zammit, in Birkirkara, since they are occupying it without a valid title at law and this within a short and peremptory period which shall be fixed to them;

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 397/2026RM in the names mentioned above is postponed to the 28th September, 2026, at 10.30 a.m.

Notifika Intimat: Alfred Vella (400459M), 109, Flat 1, St Mary Flats, Triq it-Tabib J. Zammit, Birkirkara

Mary Vella (34958M), 109, Flat 1, St Mary Flats, Triq it-Tabib J. Zammit, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification respondent: Alfred Vella (400459M), 109, Flat 1, St Mary Flats, Triq it-Tabib J. Zammit, Birkirkara

Mary Vella (34958M), 109, Flat 1, St Mary Flats, Triq it-Tabib J. Zammit, Birkirkara

Registry of the Superior Courts, today 23rd July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1929

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Lulju, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3233/2026, fl-ismijiet Eleven Peaks Ltd vs Karlheinz Haunschild et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 2130 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Karlheinz Haunschild, Giancarlo Tottoli, GPG Sports AG, ESN Sports AG, Clarency Singapore Pte. Ltd, Sports Research Team SA in liquidation, Raffaele Alessio Poli, Roger Besson, Loïc Ravenel, Gregor Guggisberg. Privilege Partners Switzerland AG, Christian Hoffmann, Benjamin Aebischer, Abaz Hulaj, Yildiz Reklam Organizasyon Promosyon Insaat ve Pazarlama Limited Sirketi, Muhammet Aldemir , Yuka Ic ve Dis Ticaret Limited Sirketi, Yusuf Kole, Murat Demirtas, Ucan Dis Ticaret Limited Sirketi, Muhammet Fatih Ucan, GPG Holding AG in Liquidation, GPG General Power Group GmbH in Liquidation, ERMARINE GmbH, Stedi-Schiff GmbH, Slodds N.V., NOBIKSAT (CS) SRL, IQ Affiliates SRL, Data Attorney Schweiz AG, ALTO Capital Partners AG, Frank Schubert, KPMG AG, Blue Lake Investment AG, GDG Holding AG, FGS Holding AG, GTO Invest GmbH, Winkinnovation AG, Turbaton Consulting S.A. u Peter Wirth.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 18 ta' Lulju, 2026

Lil:

1. Karlheinz Haunschild, Riedstrasse 3, 8272 Ermatingen, l-Iżvizzera

2. Giancarlo Tottoli, Weiherstrasse 11, 8472 Seuzach, l-Iżvizzera

3. GPG Sports AG, Obere Seestrasse 60, 8272 Ermatingen, l-Iżvizzera

4. ESN Sports AG, Obere Seestrasse 60, 8272 Ermatingen, l-Iżvizzera

By means of a decree of the 22nd July, 2026, in the records of the judicial letter number 3233/2026, in the names Eleven Peaks Ltd vs Karlheinz Haunschild et the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Karlheinz Haunschild, Giancarlo Tottoli , GPG Sports AG, ESN Sports AG, Clarency Singapore Pte. Ltd, Sports Research Team SA in liquidation, Raffaele Alessio Poli, Roger Besson, Loïc Ravenel, Gregor Guggisberg. Privilege Partners Switzerland AG, Christian Hoffmann, Benjamin Aebischer, Abaz Hulaj, Yildiz Reklam Organizasyon Promosyon Insaat ve Pazarlama Limited Sirketi, Muhammet Aldemir , Yuka Ic ve Dis Ticaret Limited Sirketi, Yusuf Kole, Murat Demirtas, Ucan Dis Ticaret Limited Sirketi, Muhammet Fatih Ucan, GPG Holding AG in Liquidation, GPG General Power Group GmbH in Liquidation, ERMARINE GmbH, Stedi-Schiff GmbH, Slodds N.V., NOBIKSAT (CS) SRL, IQ Affiliates SRL, Data Attorney Schweiz AG, ALTO Capital Partners AG, Frank Schubert, KPMG AG, Blue Lake Investment AG, GDG Holding AG, FGS Holding AG, GTO Invest GmbH, Winkinnovation AG, Turbaton Consulting S.A. and Peter Wirth, in terms of Article 2130(2) of Cap. 16 of the Laws of Malta.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 18th July, 2026

To:

1. Karlheinz Haunschild, Riedstrasse 3, 8272 Ermatingen, Switzerland

2. Giancarlo Tottoli, Weiherstrasse 11, 8472 Seuzach, Switzerland

3. GPG Sports AG, Obere Seestrasse 60, 8272 Ermatingen, Switzerland

4. ESN Sports AG, Obere Seestrasse 60, 8272 Ermatingen, Switzerland

5. Mavent Limited (C72289), Level G, (Office 2/0460) Quantum House, 75, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120, Malta

6. NTEC Limited (C53761), Level G, (Office 1/0460) Quantum House, 75, Triq Abate Rigord, Ta Xbiex XBX 1120, Malta

7. Clarency Singapore Pte. Ltd, 88 Market Street, #21-47 048948, Singapor

8. Sports Research Team SA f'likwidazzjoni, Rue du Rocher 28, 2000 Neuchâtel, l-Iżvizzera

9. Raffaele Alessio Poli, Rue des Beaux-Arts 9, 2000 Neuchâtel, l-Iżvizzera

10. Roger Besson,Rue des Noyers 1, 2000 Neuchâtel, l-Iżvizzera

11. Loïc Ravenel, Chemin des Sylvains 36, 1234 Vessy, l-Iżvizzera

12. Gregor Guggisberg, Blue Sky Nr. 5, Lyford Cay, Nassau, New Providence jew c/o Alexandra Hirt, Hörnlistrasse 4, 8702 Zollikon, l-Iżvizzera

13. Rainer Bracharz, Rametzbergsiedlung 111/5, 3150 Wilhelmsburg, l-Awstrija;

14. Mario Gatto, 1, El Shaddai Crt, Fl. 3A, Triq Mons. Guido Calleja, San Ġiljan, Malta

15. Privilege Partners Switzerland AG, Messeplatz 10, 4058 Basel, l-Iżvizzera

16. Christian Hoffmann, Privilege Partners Switzerland AG, Messeplatz 10, 4058 Basel, l-Iżvizzera

17. Benjamin Aebischer, Gobenweg 25, 4143 Dornach, l-Iżvizzera

18. Abaz Hulaj, Hammerstrasse 142, 4057 Basel, l-Iżvizzera

19. Yildiz Reklam Organizasyon Promosyon Insaat ve Pazarlama Limited Sirketi, Serifali Mahallesi Kale Sk. Site Apt., No: 25/3 Ümraniye, Istanbul, it-Turkija

20. Muhammet Aldemir, Yildiz Reklam Organizasyon Promosyon Insaat ve Pazarlama Limited Sirketi, Serifali Mahallesi Kale Sk. Site Apt., No: 25/3 Ümraniye, Istanbul, it-Turkija

21. Yuka Ic ve Dis Ticaret Limited Sirketi, Topçular Mah. Osmangazi Cad. No:2 Iç Kapi No: 18 Eyüpsultan, Istanbul, it-Turkija

5. Mavent Limited (C72289), Level G, (Office 2/0460) Quantum House, 75, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120, Malta

6. TEC Limited (C53761), Level G, (Office 1/0460) Quantum House, 75, Triq Abate Rigord, Ta Xbiex XBX 1120, Malta

7. Clarency Singapore Pte. Ltd, 88 Market Street, #21-47 048948, Singapore.

8. Sports Research Team SA in liquidation, Rue du Rocher 28, 2000 Neuchâtel, Switzerland;

9. Raffaele Alessio Poli, Rue des Beaux-Arts 9, 2000 Neuchâtel, Switzerland

10. Roger Besson, Rue des Noyers 1, 2000 Neuchâtel, Switzerland

11. Loïc Ravenel, Chemin des Sylvains 36, 1234 Vessy, Switzerland

12. Gregor Guggisberg, Blue Sky Nr. 5, Lyford Cay, Nassau, New Providence or c/o Alexandra Hirt, Hörnlistrasse 4, 8702 Zollikon, Switzerland

13. Rainer Bracharz, Rametzbergsiedlung 111/5, 3150 Wilhelmsburg, Austria;

14. Mario Gatto, 1, El Shaddai Crt, Fl 3A, Triq Mons. Guido Calleja, St Julian's, Malta

15. Privilege Partners Switzerland AG, Messeplatz 10, 4058 Basel, Switzerland

16. Christian Hoffmann, Privilege Partners Switzerland AG, Messeplatz 10, 4058 Basel, Switzerland

17. Benjamin Aebischer, Gobenweg 25, 4143 Dornach, Switzerland

18. Abaz Hulaj, Hammerstrasse 142, 4057 Basel, Switzerland

19. Yildiz Reklam Organizasyon Promosyon Insaat ve Pazarlama Limited Sirketi, Serifali Mahallesi Kale Sk. Site Apt., No: 25/3 Ümraniye, Istanbul, Turkey

20. Muhammet Aldemir, Yildiz Reklam Organizasyon Promosyon Insaat ve Pazarlama Limited Sirketi, Serifali Mahallesi Kale Sk. Site Apt., No: 25/3 Ümraniye, Istanbul, Turkey

21. Yuka Ic ve Dis Ticaret Limited Sirketi, Topçular Mah. Osmangazi Cad. No:2 Iç Kapi No: 18 Eyüpsultan, Istanbul, Turke

22. Yusuf Kole, Yuka Ic ve Dis Ticaret Limited Sirketi, Topçular Mah. Osmangazi Cad. No:2 Iç Kapi No: 18 Eyüpsultan, Istanbul, it-Turkija

23. Murat Demirtas, it-Turkija

24. Ucan Dis Ticaret Limited Sirketi, Aziz Mahmut Hüdayi Mah. Hakimiyeti Milliye Cad. Vedat Kadrı Kançal Alışveriş Ve Iş Merkezı No: 58 Iç Kapı No: 94 Uskudar, Istanbul, it-Turkija

25. Muhammet Fatih Ucan, Ucan Dis Ticaret Limited Sirketi, Aziz Mahmut Hüdayi Mah. Hakimiyeti Milliye Cad. Vedat Kadrı Kançal Alışverış Ve Iş Merkezı No: 58 Iç Kapı No: 94 Uskudar, Istanbul, it-Turkija

26. GPG Holding AG f'likwidazzjoni, Sihleggstrasse 23, 8832 Wollerau, l-Iżvizzera

27. GPG General Power Group GmbH f'likwidazzjoni, Sihleggstrasse 23, 8832 Wollerau, l-Iżvizzera

28. ERMARINE GmbH, Obere Seestrasse 60, 8272 Ermatingen, l-Iżvizzera

29. Stedi-Schiff GmbH, Obere Seestrasse 60, 8272 Ermatingen, l-Iżvizzera

30. White Lake Limited (C 93432), Level G, (Office 1/0853) Quantum House, 75, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120, Malta

31. White Pond Limited (C 93435), Level G, (Office 1/0852) Quantum House, 75, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120, Malta

32. Slodds N.V., Heimensteinstrasse 8 C, 8472 Seuzach, l-Iżvizzera

33. NOBIKSAT (CS) SRL, Calle Lajas, Condominio Lomas del Valle, Apartment 1 Condominio D, Flat 21, 10901, San Jose, Santa Ana, il-Costa Rica

34. NOBIKSAT Ltd, Megalous Konstantinou 2, Flat/ Office 202, 2020 Nicosia, Ċipru

35. IQ Affiliates SRL, Provincia 01 San Jose, Canton 01 San Jose, Catedral De Casa Matute 50 Metros Este A Mano Derecha, il-Costa Rica

36. Data Attorney Schweiz AG, Rietbrunnen 44, 8808 Pfäffikon SZ, l-Iżvizzera

37. ALTO Capital Partners AG, St. Annagasse 9, 8001 Zurich, l-Iżvizzera

22. Yusuf Kole, Yuka Ic ve Dis Ticaret Limited Sirketi, Topçular Mah. Osmangazi Cad. No:2 Iç Kapi No: 18 Eyüpsultan, Istanbul, Turkey

23. Murat Demirtas, Turkey

24. Ucan Dis Ticaret Limited Sirketi, Aziz Mahmut Hüdayi Mah. Hakimiyeti Milliye Cad. Vedat Kadrı Kançal Alışveriş Ve Iş Merkezı No: 58 Iç Kapı No: 94 Uskudar, Istanbul, Turkey

25. Muhammet Fatih Ucan, Ucan Dis Ticaret Limited Sirketi, Aziz Mahmut Hüdayi Mah. Hakimiyeti Milliye Cad. Vedat Kadrı Kançal Alışverış Ve Iş Merkezı No: 58 Iç Kapı No: 94 Uskudar, Istanbul, Turkey

26. GPG Holding AG in liquidation, Sihleggstrasse 23, 8832 Wollerau, Switzerland

27. GPG General Power Group GmbH in liquidation, Sihleggstrasse 23, 8832 Wollerau, Switzerland

28. ERMARINE GmbH, Obere Seestrasse 60, 8272 Ermatingen, Switzerland

29. Stedi-Schiff GmbH, Obere Seestrasse 60, 8272 Ermatingen, Switzerland

30. White Lake Limited (C 93432)
Level G, (Office 1/0853) Quantum House, 75, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120, Malta

31. White Pond Limited (C 93435)
Level G, (Office 1/0852) Quantum House, 75, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120, Malta

32. Slodds N.V., Heimensteinstrasse 8 C, 8472 Seuzach, Switzerland

33. NOBIKSAT (CS) SRL, Calle Lajas, Condominio Lomas del Valle, Apartment 1 Condominio D, Flat 21, 10901, San Jose, Santa Ana, Costa Rica

34. NOBIKSAT Ltd, Megalous Konstantinou 2, Flat/ Office 202, 2020 Nicosia, Cyprus

35. IQ Affiliates SRL, Provincia 01 San Jose, Canton 01 San Jose, Catedral De Casa Matute 50 Metros Este A Mano Derecha, Costa Rica

36. Data Attorney Schweiz AG, Rietbrunnen 44, 8808 Pfäffikon SZ, Switzerland

37. ALTO Capital Partners AG, St. Annagasse 9, 8001 Zurich, Switzerland

38. Frank Schubert, 2 RIETLIWEG HERRLIBERG 8704 l-Iżvizzera

39. KPMG AG, Badenerstrasse 172, 8004 Zurich, l-Iżvizzera

40. Blue Lake Investment AG, Obere Seestrasse 60, 8272 Ermatingen, l-Iżvizzera

41. GDG Holding AG, c/o Walser & Partner AG Zug, Bahnhofstrasse 11, 6300 Zug, l-Iżvizzera

42. FGS Holding AG, c/o Frank Gerhard Schubert, Rietliweg 2, 8704 Herrliberg, l-Iżvizzera

43. GTO Invest GmbH, Rothusstrasse 21, 6331 Hünenberg, l-Iżvizzera

44. Winkinnovation AG, Niederfeldstrasse 23, 8932 Mettmenstetten, l-Iżvizzera

45. Turbaton Consulting S.A. Nassau, il-Bahamas

46. Peter Wirth, Nassau, il-Bahamas

(kollettivament imsejħa l-'Intimati')

1. Illi, permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-soċjetà mittenti, Eleven Peaks Ltd (C97870), bl-uffiċċju reġistrat sitwat 170, Pater House, Level 1 (Suite A333), Triq Salvu Psaila, Birkirkara BKR 9077, Malta (minn hawn 'il quddiem 'Eleven Peaks' u/jew l-'Esponenti'), tirreferi għall-fondi tagħha fis-somma stmata ta' madwar CHF 60,400,000 (madwar EUR 66 miljun bir-rata tal-kambju tal-lum), taħt diversi ftehmiet u skemi mressqa mill-Intimati jew min minnhom, li jinvolvu b'xi mod l-Intimati jew min minnhom. Minkejja diversi talbiet għall-ħlas lura u/jew għall-aċċess, l-Esponenti, sal-lum, m'għandha l-ebda aċċess, kontroll jew viżibbiltà tal-fondi tagħha.

2. Illi l-Esponenti qed tkompli ssofri dawn u danni oħrajn bħala riżultat dirett jew indirett tal-aġir illeċitu, negliġenza, imġiba skorretta, intenzjoni frawdolenti u/jew l-użu ta' mezzi qarrieqa lejha, kif ukoll tal-ksur flagranti tal-obbligi fiduċjarji lejha u/jew tal-parteċipazzjoni konsapevoli fil-ksur tal-obbligi fiduċjarji lejha, mill-Intimati jew min minnhom, kif se jiġi ulterjorment spjegat f'din l-ittra uffiċjali;

Sfond

3. Eleven Peaks hija kumpanija b'responsabbiltà limitata inkorporata taħt il-liġijiet ta' Malta. Madwar 99.84% tal-kapital azzjonarju ta' Eleven Peaks huwa miżmum minn Special Themes SCC Ltd (C84718) ('Special Themes'), 'securitisation cell company' Maltija, għan-nom tal-Alto Data Research Cell permezz ta' ishma mingħajr dritt għall-vot ('non-voting shares');

38. Frank Schubert, 2 RIETLIWEG HERRLIBERG 8704 Switzerland

39. KPMG AG, Badenerstrasse 172, 8004 Zurich, Switzerland

40. Blue Lake Investment AG, Obere Seestrasse 60, 8272 Ermatingen, Switzerland

41. GDG Holding AG, c/o Walser & Partner AG Zug, Bahnhofstrasse 11, 6300 Zug, Switzerland

42. FGS Holding AG, c/o Frank Gerhard Schubert, Rietliweg 2, 8704 Herrliberg, Switzerland

43. GTO Invest GmbH, Rothusstrasse 21, 6331 Hünenberg, Switzerland

44. Winkinnovation AG, Niederfeldstrasse 23, 8932 Mettmenstetten, Switzerland

45. Turbaton Consulting S.A., Nassau, Bahamas

46. Peter Wirth, Nassau, Bahamas

(collectively referred to as the 'Recipients')

1. That by means of this present judicial letter, the sending company, Eleven Peaks Ltd (C97870), with registered office situated at 170, Pater House, Level 1 (Suite A333), Triq Salvu Psaila, Birkirkara BKR 9077, Malta (hereafter 'Eleven Peaks' and/or the 'Claimant'), refers to its holdings in the estimated sum of circa CHF 60,400,000 (circa EUR 66 million as at today's rate of conversion), under various agreements and schemes brought forth by the Recipients or any one of them, involving conduct of the Recipients or any one of them. Despite various demands for repayment and/or access, the Claimant has, to date, not been able to access any of its holdings.

2. That the Claimant continues to suffer these and other damages as the direct or indirect result of the unlawful acts, negligence, improper conduct, fraudulent intent and/or employment of deceitful means towards it, as well as flagrant breach of fiduciary duties towards it and/or knowing participation in the breach of fiduciary duties towards it, by the Recipients or any one of them, as will be further explained in this judicial letter;

Background

3. Eleven Peaks is a limited liability company incorporated under the laws of Malta. Approximately 99.84% of Eleven Peaks' share capital is held by Special Themes SCC Ltd (C84718) ('Special Themes'), a Maltese securitisation cell company, on behalf of the Alto Data Research Cell, through non-voting shares;

4. L-opportunità ta' investiment deskritta hawn taħt inġiebet inizjalment minn Karlheinz Haunschild ('Haunschild') u Giancarlo Tottoli ('Tottoli') lil ALTO Capital Partners AG, li fiha Gregor Guggisberg ('Guggisberg') kien, u Frank Schubert ('Schubert') għadu, azzjonist. ALTO Capital Partners AG imbagħad fl-aħħar ressqet l-opportunità ta' investiment lil Special Themes;

5. Eleven Peaks ġiet inkorporata minn Haunschild, permezz ta' KPMG AG, fl-Iżvizzera, u KPMG Malta. Haunschild, li inizjalment kellu 100% tal-ishma bid-dritt għall-vot ('voting shares') f'Eleven Peaks sas-26 ta' Jannar, 2024, direttament jew indirettament għażel id-diretturi preċedenti ta' Eleven Peaks (inklużi inter alia Rainer Bracharz u Mario Gatto) u effettivament ikkontrolla d-deċiżjonijiet tagħha, partikolarment fir-rigward tal-attivitajiet ta' investiment tagħha, u gawda minn setgħat wiesa' sabiex jeffettwa pagamenti mill-kontijiet bankarji ta' Eleven Peaks bis-saħħa ta' prokura fuq il-kontijiet bankarji ta' Eleven Peaks. Haunschild, Guggisberg u Tottoli, għalkemm qatt ma kienu formalment diretturi ta' Eleven Peaks, aġixxew mingħajr ebda dubju bħala shadow directors;

6. Haunschild u Tottoli jservu wkoll fuq il-Bord tad-Diretturi ta' GPG Sports AG u jikkontrollaw il-grupp aktar wiesa' ta' GPG (il-'Grupp GPG'). Il-Grupp GPG jinkludi, mingħajr limitazzjoni, lil GPG Sports AG, ESN Sports AG, Mavent Ltd, NTEC Ltd, GPG Holding AG f'likwidazzjoni, u GPG General Power Group GmbH f'likwidazzjoni. Fil-bidu tal-investiment, KPMG AG ħejjiet dokumentazzjoni li turi, inter alia, il-pożizzjoni finanzjarja, l-involviment u s-suċċess ta' GPG Holding AG u ta' kumpaniji oħrajn tal-Grupp GPG fl-imħatri sportivi ('sports betting');

7. L-attività ta' investiment ta' Eleven Peaks tikkostitwixxi l-attiv sottostanti tal-Alto Data Research Notes maħruġa mill-Alto Data Research Cell ta' Special Themes. Fis-16 ta' Lulju, 2021, Special Themes, li aġixxiet fir-rigward tal-Alto Data Research Cell (l-'Issuer'), ħarġet l-Alto Data Research Note A (ISIN CH1122532349) u l-Alto Data Research Note P (ISIN CH1122532356) (in-'Note(s)' u d-detentur(i) tan-Notes in-'Noteholder(s)');

8. Data Attorney Schweiz AG, li fiha GDG Holding AG, FGS Holding AG u Blue Lake Investment AG huma azzjonisti, irċeviet 'origination and performance fees' fir-rigward tan-Notes fis-somma ta' aktar minn CHF 4.5 miljun. Gregor Guggisberg, GDG Holding AG, Frank Schubert, FGS Holding AG, Blue Lake Investment AG, GTO Invest GmbH, Winkinnovation AG, Turbaton Consulting S.A., u Peter Wirth, apparti Intimati oħrajn, ilkoll irċevew fondi mingħand Data Attorney Schweiz AG;

9. Il-każ ta' investiment ippreżentat lil Eleven Peaks minn Haunschild u Tottoli kien jikkonsisti fit-tqegħid ta' mħatri fuq avvenimenti sportivi magħżula permezz ta'

4. The investment opportunity described below was initially brought by Karlheinz Haunschild ('Haunschild') and Giancarlo Tottoli ('Tottoli') to ALTO Capital Partners AG, of which Gregor Guggisberg ('Guggisberg') was, and Frank Schubert ('Schubert') still is, a shareholder. ALTO Capital Partners AG in turn brought the investment opportunity ultimately to Special Themes;

5. Eleven Peaks was incorporated by Haunschild, through KPMG AG, Switzerland, and KPMG Malta. Haunschild, who initially held 100% of the voting shares in Eleven Peaks until 26th January, 2024, directly or indirectly handpicked the former directors of Eleven Peaks (including inter alia Rainer Bracharz and Mario Gatto) and effectively controlled its decisions, particularly with regards to its investment activities, and enjoyed broad powers to effect payments from Eleven Peaks' bank accounts by virtue of a power of attorney over Eleven Peaks' bank accounts. Haunschild, Guggisberg and Tottoli, while never formally directors of Eleven Peaks, acted in no uncertain terms as shadow directors;

6. Haunschild and Tottoli also sit on the Board of Directors of GPG Sports AG and control the wider GPG group of companies (the 'GPG Group'). The GPG Group includes, without limitation, GPG Sports AG, ESN Sports AG, Mavent Ltd, NTEC Ltd, GPG Holding AG in liquidation, and GPG General Power Group GmbH in liquidation. At the outset of the investment, KPMG AG prepared documentation showing, inter alia, GPG Holding AG's and other companies of the GPG Group's financials, involvement and success in sports betting;

7. The investment activity of Eleven Peaks forms the underlying asset of the Alto Data Research Notes issued by the Alto Data Research Cell of Special Themes. On 16th July, 2021, Special Themes, acting in respect of the Alto Data Research Cell (the 'Issuer'), issued the Alto Data Research Note A (ISIN CH1122532349) and the Alto Data Research Note P (ISIN CH1122532356) (the 'Note(s)' and the holder(s) of Notes the 'Noteholder(s)');

8. Data Attorney Schweiz AG, of which GDG Holding AG, FGS Holding AG and Blue Lake Investment AG are shareholders, received origination and performance fees in relation to the Notes in the sum of more than CHF 4.5 million. Gregor Guggisberg, GDG Holding AG, Frank Schubert, FGS Holding AG, Blue Lake Investment AG, GTO Invest GmbH, Winkinnovation AG, Turbaton Consulting S.A., and Peter Wirth, apart from other Recipients, all received funds from Data Attorney Schweiz AG;

9. The investment case presented to Eleven Peaks by Haunschild and Tottoli consisted of placing bets on selected sporting events through an alleged Turkish broker,

allegat sensar Tork, Brokerstarz, li allegatament kien jopera permezz ta' Yildiz Reklam Organizasyon Promosyon Insaat ve Pazarlama Limited Sirketi ('Yildiz'), bl-użu ta' software algoritmiku żviluppat minn tliet xjenzati, Dott. Raffaele Alessio Poli, Dott. Roger Besson u Dott. Loïc Ravenel, li jiffurmaw parti mis-CIES Football Observatory, grupp ta' riċerka fi ħdan l-International Centre for Sports Studies (CIES), ċentru ta' studju indipendenti li jinsab f'Neuchâtel, l-Iżvizzera. Tottoli kien iservi fuq il-Bord tad-Diretturi ta' Sports Research Team SA (illum f'likwidazzjoni) flimkien ma' Dott. Raffaele Alessio Poli u Dott. Roger Besson. Mill-4 ta' Settembru, 2025, Tottoli, Dott. Raffaele Alessio Poli u Dott. Roger Besson aġixxew bħala stralċarji tal-kumpanija. Muhammet Aldemir kien direttur u l-uniku azzjonist ta' Yildiz;

10. Total ta' CHF 26,889,111 u EUR 1,900,000 tħallas minn Eleven Peaks lil diversi entitajiet tal-Grupp GPG bejn is-7 ta' Ottubru, 2021, u l-24 ta' Mejju, 2024, inkluż lil GPG Sports AG, ESN Sports AG, Mavent Ltd, NTEC Ltd, u Clarency Singapore Pte Ltd (fornitur ta' servizzi ta' pagament li x'aktarx irċieva l-fondi f'isem GPG Sports AG). Il-maġġoranza kbira ta' dawn il-pagamenti ġew esegwiti direttament minn Haunschild innifsu permezz tal-online banking, bl-użu tal-prokura li kellu fuq il-kontijiet bankarji ta' Eleven Peaks, mingħajr ma ġiet ippreżentata lil Eleven Peaks ebda dokumentazzjoni ta' sostenn bħal fatturi jew talbiet għall-ħlas. Il-bqija tal-pagamenti magħmula minn Eleven Peaks lill-Grupp GPG ġew esegwiti permezz tal-online banking minn Guggisberg, li huwa wkoll kellu prokura fuq il-kontijiet bankarji ta' Eleven Peaks;

11. Barra minn hekk, bejn it-8 ta' April, 2022, u l-25 ta' Ottubru, 2023, Eleven Peaks għamlet pagamenti ulterjuri li jammontaw għal EUR 7,846,000 lil Yuka Ic ve Dis Ticaret Limited Sirketi ('Yuka'), li tagħha Yusuf Kole kien id-direttur u l-uniku azzjonist, u lil Ucan Dis Ticaret Limited Sirketi ('Ucan'), li tagħha Muhammet Fatih Ucan kien id-direttur u l-uniku azzjonist, abbażi ta' ftehmiet li Haunschild ġab lil Eleven Peaks u li Haunschild ikkonsenja f'isimhom. Flimkien ma' Yusuf Kole, ċertu Murat Demirtas kien involut fil-ftehim bejn Yuka u Eleven Peaks. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-pagamenti kienu bbażati fuq fatturi li Haunschild ta struzzjonijiet lil Eleven Peaks sabiex tħallas. Il-pagamenti kollha minn Eleven Peaks lil Yuka u Ucan saru fuq struzzjonijiet ta' Haunschild jew Guggisberg;

12. Bejn l-4 ta' Lulju, 2023, u s-27 ta' Ġunju, 2024, Eleven Peaks għamlet ukoll pagamenti fit-total ta' CHF 600,000 lil Sports Research Team SA (illum f'likwidazzjoni) għal allegat monitoraġġ u analiżi ta' data tal-futbol. Il-pagamenti kollha lil Sports Research Team SA saru fuq struzzjonijiet ta' Guggisberg;

13. Haunschild u Tottoli ppruvaw jilleġittimizzaw kuntrattwalment u retroattivament il-pagamenti ta' Eleven

Brokerstarz, allegedly operating through Yildiz Reklam Organizasyon Promosyon Insaat ve Pazarlama Limited Sirketi ('Yildiz'), using an algorithmic software developed by three scientists, Dr Raffaele Alessio Poli, Dr Roger Besson and Dr Loïc Ravenel who form part of the CIES Football Observatory, a research group within the International Centre for Sports Studies (CIES), an independent study centre located in Neuchâtel, Switzerland. Tottoli sat on the Board of Directors of Sports Research Team SA (now in liquidation) together with Dr Raffaele Alessio Poli and Dr Roger Besson. Since 4th September, 2025, Tottoli, Dr Raffaele Alessio Poli and Dr Roger Besson have acted as liquidators of the company. Muhammet Aldemir has been a director and sole shareholder of Yildiz;

10. A total of CHF 26,889,111 and EUR 1,900,000 was paid by Eleven Peaks to various entities of the GPG Group between 7th October, 2021, and 24th May, 2024, including to GPG Sports AG, ESN Sports AG, Mavent Ltd, NTEC Ltd, and Clarency Singapore Pte Ltd (a payment provider that likely received the funds on behalf of GPG Sports AG). The vast majority of these payments were executed directly by Haunschild himself through online banking, using the power of attorney he held over Eleven Peaks' bank accounts, without any supporting documentation such as invoices or payment requests being submitted to Eleven Peaks. The remainder of the payments made by Eleven Peaks to the GPG Group were executed through online banking by Guggisberg, who also had a power of attorney over Eleven Peaks' bank accounts;

11. Additionally, between 8th April, 2022, and 25th October, 2023, Eleven Peaks made further payments totalling EUR 7,846,000 to Yuka Ic ve Dis Ticaret Limited Sirketi ('Yuka'), of which Yusuf Kole has been the director and sole shareholder, and Ucan Dis Ticaret Limited Sirketi ('Ucan'), of which Muhammet Fatih Ucan has been the director and sole shareholder, on the basis of agreements brought to Eleven Peaks by Haunschild and which Haunschild delivered on their behalf. Together with Yusuf Kole, a certain Murat Demirtas was involved with the agreement between Yuka and Eleven Peaks. Most of these payments were based on invoices Haunschild instructed Eleven Peaks to pay. All payments from Eleven Peaks to Yuka and Ucan were instructed by Haunschild or Guggisberg;

12. Between 4th July, 2023, and 27th June, 2024, Eleven Peaks also made payments in the total of CHF 600,000 to Sports Research Team SA (now in liquidation) for alleged football data monitoring and analysis. All payments to Sports Research Team SA were instructed by Guggisberg;

13. Haunschild and Tottoli attempted to contractually legitimize Eleven Peaks' payments to the GPG Group,

Peaks lill-Grupp GPG, lil Yuka u lil Ucan imsemmija fil-paragrafi 10 u 11 hawn fuq. Huma allegaw ċessjonijiet ('trasferimenti') ta' krediti tal-Grupp GPG kontra Brokerstarz fl-ammont totali ta' CHF 45,160,299 lil Eleven Peaks, effettwati bejn Awwissu 2021 u April 2023, u self fl-istess ammont mogħti mill-Grupp GPG lil Eleven Peaks sabiex jiġi ffinanzjat l-akkwist ta' dawn il-krediti. Għaldaqstant, f'Loan Repayment Agreement konkluż bejn GPG Sports AG (flimkien ma' 'affiliated companies') bħala l-lender, b'Haunschild jidher f'isimha, u Eleven Peaks bħala l-borrower, fl-24 ta' Mejju, 2024 (il-'Loan Repayment Agreement'), il-pagamenti minn Eleven Peaks lill-Grupp GPG, Yuka u Ucan ġew rikklassifikati ex post bħala ħlasijiet lura ta' self. Madankollu, Eleven Peaks qatt ma ġiet fornuta bi kwalunkwe prova kredibbli tal-istabbiliment tal-allegati krediti tal-Grupp GPG kontra Brokerstarz u tal-allegati ċessjonijiet ta' dawn il-krediti;

14. Rainer Bracharz esegwixxa wkoll, f'isem Eleven Peaks, Joint Venture Agreement ma' NTEC Ltd fl-1 ta' Ottubru, 2021 (il-'Joint Venture Agreement'). Skont dan il-Joint Venture Agreement, Eleven Peaks intrabtet li tħallas lil NTEC Ltd EUR 1,892,000 fi tliet rati, inkluża rata pagabbli lil Mavent Ltd;

15. Eleven Peaks ikkonkludiet ukoll Investment Agreement on Venture Capital fil-25 ta' Marzu, 2022, ma' GPG Sports AG (l-'Investment Agreement'), li skontu Eleven Peaks kellha tinvesti CHF 12,000,000 fin-negozju ta' GPG Sports AG;

16. Wara rapporti fl-aħbar online Tork dwar rejds tal-pulizija fuq Brokerstarz, flimkien ma' arresti u ffriżar ta' kontijiet bankarji, Eleven Peaks talbet il-ħlas tal-fondi tagħha għand Brokerstarz. Minkejja diversi assigurazzjonijiet, sallum, Eleven Peaks qatt ma tħallset lura u qatt ma ngħatat aċċess għall-fondi tagħha;

17. Bħala riżultat, Eleven Peaks m'għandha ebda aċċess għall-fondi li hi ttrasferiet lill-Intimati jew xi wieħed minnhom;

18. Fost diversi kumpaniji oħrajn li jappartjenu lil, jew li huma kkontrollati minn Haunschild, hemm Blue Lake Investment AG, Ermarine GmbH, Stedi-Schiff GmbH, u IQ Affiliates SRL, li jew irċevew, direttament jew indirettament, assi li jirriżultaw mill-iskema mwettqa minn Haunschild u l-assoċjati tiegħu, jew jidhru li kienu b'xi mod ieħor direttament jew indirettament involuti fiha. Privilege Partners Switzerland AG, u l-uniku direttur tagħha Christian Hoffman, flimkien mal-imsieħba fin-negozju Benjamin Aebischer u Abaz Hulaj, huma wkoll konnessi ma' Haunschild u/jew Tottoli, u jidhru li huma involuti fl-iskema, wara li għamlu proposta, f'Settembru 2025, għall-irkupru ta' fondi bi skambju għal porzjon sinifikanti ta' kwalunkwe assi likwidi rkuprati;

Yuka and Ucan mentioned in paragraphs 10 and 11 above retroactively. They alleged assignments ('transfers') of claims of the GPG Group against Brokerstarz in the total amount of CHF 45,160,299 to Eleven Peaks, effected between August 2021 and April 2023, and a loan in the same amount granted by the GPG Group to Eleven Peaks to finance the acquisition of these claims. Thus, in a Loan Repayment Agreement entered into between GPG Sports AG (together with 'affiliated companies') as lender, with Haunschild appearing on its behalf, and Eleven Peaks as borrower, on 24th May, 2024 (the 'Loan Repayment Agreement'), the payments from Eleven Peaks to the GPG Group, Yuka and Ucan were reclassified ex post as loan repayments. However, Eleven Peaks has never been provided with any credible evidence for the establishment of GPG Group's alleged claims against Brokerstarz and the alleged assignments of these claims;

14. Rainer Bracharz also executed, on Eleven Peaks' behalf, a Joint Venture Agreement with NTEC Ltd on 1st October, 2021 (the 'Joint Venture Agreement'). Pursuant to this Joint Venture Agreement, Eleven Peaks undertook to pay NTEC Ltd EUR 1,892,000 in three instalments, including an instalment payable to Mavent Ltd;

15. Eleven Peaks also concluded an Investment Agreement on Venture Capital on 25th March, 2022, with GPG Sports AG (the 'Investment Agreement'), pursuant to which Eleven Peaks was to invest CHF 12,000,000 in the business of GPG Sports AG;

16. Following reports in the Turkish online press of police raids of Brokerstarz, coupled with arrests and bank account freezes, Eleven Peaks requested payment of its holdings at Brokerstarz. Despite repeated assurances, to date, Eleven Peaks has never been repaid or granted access to its holdings;

17. As a result, Eleven Peaks has no access to any of the funds it transferred to the Recipients or any one of them;

18. Among various other companies owned or controlled by Haunschild, are Blue Lake Investment AG, Ermarine GmbH, Stedi-Schiff GmbH, and IQ Affiliates SRL, which have either, directly or indirectly received assets resulting from, or appear to have been otherwise directly or indirectly involved in, the scheme perpetrated by Haunschild and his associates. Privilege Partners Switzerland AG, and its sole director Christian Hoffman, together with business partners Benjamin Aebischer and Abaz Hulaj, are also connected to Haunschild and/or Tottoli, and appear to be involved in the scheme, having made a proposal, in September 2025, for the recovery of funds in exchange for a significant portion of any recovered liquid assets;

19. Mavent Ltd, tal-Grupp GPG, hija proprjetà ta' White Lake Ltd (miżmuma minn trust, b'Tottoli bħala settlor), u White Pond Ltd (miżmuma minn trust, b'Haunschild bħala settlor). Is-sussidjarji ta' Mavent Ltd jinkludu lil Slodds N.V., Nobiksat (CS) Srl, u Nobiksat Ltd. Dawn l-Intimati wkoll jew irċevew, direttament jew indirettament, assi, jew jidhru li kienu b'xi mod ieħor direttament jew indirettament involuti fl-iskema mwettqa minn Haunschild u l-assoċjati tiegħu;

Pretensjonijiet Legali

20. Illi l-Esponenti qed tkompli ssofri dan it-telf u danni oħrajn bħala riżultat dirett jew indirett tal-aġir illeċitu, negliġenza, imġiba skorretta, intenzjoni frawdolenti u/jew l-użu ta' mezzi qarrieqa tal-Intimati (jew ta' kwalunkwe wieħed minnhom), kif ukoll tal-ksur flagranti tal-obbligi kuntrattwali, fiduċjarji u obbligi oħrajn lejha;

21. Illi għalhekk, permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, Eleven Peaks qed tinfurmakom formalment li qed iżżommkom, lilkom l-Intimati, jew lil kwalunkwe wieħed minnkom, responsabbli in solidum għad-danni kollha inklużi spejjeż u interessi sofferti minn Eleven Peaks bħala riżultat tal-aġir illegali tagħkom, imġiba skorretta, imwettqa b'intenzjoni frawdolenti u/jew b'mezzi qarrieqa, kif ukoll bin-negliġenza tagħkom. Eleven Peaks tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha li tibda proċeduri quddiem il-forum kompetenti għal tali ksur ta' kuntratt, garanzija, delitt, kważi-delitt, obbligi fiduċjarji, u/jew parteċipazzjoni konsapevoli fil-ksur minn ħaddieħor tal-obbligi fiduċjarji tiegħu, kif ukoll ta' obbligi oħrajn dovuti minnkom taħt il-liġi applikabbli, inklużi mingħajr limitazzjoni talbiet għar-rexissjoni ta' kull u kwalunkwe arranġament kuntrattwali u għar-restituzzjoni tas-somom kollha mħallsa, flimkien mad-danni;

22. Kull wieħed mill-Intimati huwa wkoll avżat sabiex jippreserva l-provi dokumentarji kollha fir-rigward tal-kwistjonijiet deskritti f'din l-ittra uffiċjali, għall-finijiet ta' kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji jew arbitrali eventwali li jistgħu jiġu istitwiti kontrihom, kif ukoll għall-finijiet ta' kwalunkwe investigazzjoni li tista' titwettaq mill-Awtoritàjiet kompetenti rilevanti;

23. Illi mingħajr preġudizzju għas-su espost, din l-ittra qed tintbagħat sabiex jiġi interrott kull perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' kull dispożizzjoni ta' kull liġi oħra applikabbli, inklużi iżda mhux limitati għall-Artikoli 1124F, 2153, 2154, u 2156(f);

24. Illi din l-ittra hija kompletament mingħajr preġudizzju għal kull liġi jew ġuriżdizzjoni applikabbli tal-qrati jew tribunali tal-arbitraġġ, kif ukoll għal kwalunkwe ftehim li sar bejn il-partijiet fir-rigward tal-liġi applikabbli jew il-ġuriżdizzjoni tal-qrati jew tribunali tal-arbitraġġ, li

19. Mavent Ltd, of the GPG Group, is owned by White Lake Ltd (held by a trust, with Tottoli as settlor), and White Pond Ltd (held by a trust, with Haunschild as settlor). Subsidiaries of Mavent Ltd include Slodds N.V., Nobiksat (CS) Srl, and Nobiksat Ltd. These Recipients have also either, directly or indirectly received assets, or appear to have been otherwise directly or indirectly involved in the scheme perpetrated by Haunschild and his associates;

Legal Claims

20. That the Claimant continues to suffer these losses and other damages as a direct or indirect result of the Recipients' (or any one of them) unlawful acts, negligence, improper conduct, fraudulent intent and/or employment of deceitful means, as well as flagrant breach of contractual, fiduciary and other obligations towards it;

21. That therefore by means of this judicial letter, Eleven Peaks hereby puts you on formal notice that it is holding you, the Recipients, or any one of you, jointly and severally liable for any and all damages including costs and interest incurred by Eleven Peaks as a result of your illegal behaviour, improper conduct, carried out with fraudulent intent and/or by deceitful means, as well as by your negligence. Eleven Peaks reserves all of its rights to commence proceedings before the proper forum for such breaches of contract, warranty, tort, quasi-tort, fiduciary duties, and/or knowing participation in another's breach of fiduciary duties, as well as other obligations owed by you under applicable law, including without limitation demands for rescission of any and all contractual arrangements and restitution of all sums paid, together with damages;

22. Each of the Recipients is further put on notice to preserve all documentary evidence in relation to the matters described in this judicial letter, for the purposes of any eventual judicial or arbitral proceedings that may be instituted against them, as well as for the purposes of any investigation that may be undertaken by the relevant competent authorities;

23. That without prejudice to the above, this letter is being sent for the purposes of effecting the interruption of the applicable prescriptive period in terms of the provisions contained in Cap. 16 of the Laws of Malta and every provision of any other applicable law, including but not limited to Article 1124F, 2153, 2154, and 2156(f);

24. This letter is completely without prejudice to any and all applicable laws or jurisdiction of the applicable courts or arbitration tribunals, as well as to any agreements entered into between the parties with respect to the applicable law or jurisdiction of the applicable courts or arbitration tribunals,

għal kull bon fini għadhom applikabbli u fis-seħħ bis-sħiħ bejn il-partijiet. Għaldaqstant, Eleven Peaks bl-ebda mod m'għandha titqies li qed tirrinunzja jew tnaqqas id-dritt tagħha li tkompli bi proċeduri ġja mressqa jew li għad jridu jiġu intavolati fi ġuriżdizzjonijiet oħrajn (inkluż iżda mhux limitat għall-Iżvizzera) u/jew arbitraġġ u dan taħt kwalunkwe liġi applikabbli (inklużi, iżda mhux limitati, il-liġijiet tal-Iżvizzera), kontrikom jew min minnkom, u għalhekk, din l-ittra qed tintbagħat mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi ġuriżdizzjoni esklussiva tal-qrati jew tribunal f'tali ġuriżdizzjoni u/jew taħt il-liġi applikabbli fil-ġuriżdizzjoni skont il-każ.

Tant biex tagħrfu timxu u sabiex jiġu evitati spejjeż żejda u proċeduri oħra legali kontrikom.

Bl-ispejjeż u l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

which for the sake of clarity, are being declared as remaining fully applicable between the parties. Accordingly, Eleven Peaks is in no way renouncing, diminishing or waiving their right to continue with or to initiate legal proceedings in any other jurisdiction (including, but not limited to, in Switzerland) and/or arbitration and this under any applicable law (including, but not limited to the laws of Switzerland), against any of the Recipients, and is therefore, being sent without prejudice to the exclusive jurisdiction of the courts of such other country and/or exclusive application of the laws of such other country, as the case may be.

Please be guided accordingly to avoid further costs and judicial proceedings.

With costs and interest till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts, today 23rd July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1930

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' April, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 508/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Mario Mamo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mario Mamo a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum il-11 ta' Frar, 2025

Lil Mario Mamo (KI 863353M) ta' Binja 8 ta' Diċembru, Fl. 6, Triq San Mark, Bormla

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €891.83, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000088933 ossija dwar il-fond bl-indirizz Binja 8 ta' Diċembru, Fl. 6, Triq San Mark, Bormla

By means of a decree of the 10th April, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 508/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Mario Mamo the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mario Mamo in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 11th February, 2025

To Mario Mamo (ID 863353M) ta' Binja 8 ta' Diċembru, Fl. 6, Triq San Mark, Cospicua

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €891.83, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding regarding the utility bills with number 101000088933 regarding the premises with address Binja 8 ta' Diċembru, Fl. 6, Triq San Mark, Cospicua

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

